



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.7.2016  
COM(2016) 489 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu**

## **WERREJ**

1. Introduzzjoni .....	2
2. Harsa ġenerali lejn l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu.....	2
3. Miżuri ta' implimentazzjoni u atti delegati .....	3
4. L-implimentazzjoni tar-Regolament .....	4
5. Il-miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-piż fuq in-negozji .....	9
6. Prospettiva.....	9
7. Konklużjonijiet .....	11

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

### **dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu**

#### **1. INTRODUZZJONI**

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu<sup>1</sup> stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid sistematiku tal-istatistika dwar it-turiżmu fl-Unjoni Ewropea. Dan irrifletta l-bidliet li kienu seħħew fin-natura tal-ekonomija tat-turiżmu u fl-imġiba tat-turisti mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>2</sup> u indirizza l-bidliet li jirriżultaw mill-ħtiġijiet tal-utent.

L-Artikolu 7 tar-Regolament jgħid li: "*Sat-12 ta' Awwissu 2016 u, wara, kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l-istatistika miġbura abbażi ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari, dwar ir-rilevanza tagħha u l-piż fuq is-settur tan-negozju*".

Dan ir-rapport huwa l-ewwel rapport imressaq skont l-artikolu msemmi hawn fuq.

It-Taqsima 2 ta' dan ir-rapport tagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament.

It-Taqsima 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn u r-raġunament għall-miżuri ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati.

It-Taqsima 4 tispjega kif ir-Regolament ġie implimentat, b'referenza għall-kriterji tal-kwalità stabbiliti għall-istatistika uffiċjali.

It-Taqsima 5 tiffoka fuq il-miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-piż fuq in-negozji.

It-Taqsima 6, fl-aħħar nett, tagħti ħarsa lejn il-miżuri li jistgħu jitqiesu bil-għan li jiġi aġġornat il-qafas legali, fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-taqsimiet preċedenti. Dan jivvaluta wkoll l-impatt li l-ħtiġijiet tal-utenti ġodda u s-sorsi tad-dejta l-ġodda jista' jkollhom fuq is-sistema tal-istatistika tat-turiżmu stabbilita fir-Regolament.

#### **2. HARSA ĠENERALI LEJN L-ISTATISTIKA EWROPEA DWAR IT-TURIZMU**

L-industrija tat-turiżmu tal-Unjoni Ewropea tokkupa post importanti fl-ekonomija tal-Istati Membri b'attivitajiet turistiċi li jirrappreżentaw sors kbir ta' impjiegi. Kwalunkwe valutazzjoni tal-kompetittività tagħha teħtieġ għarfien tajjeb tal-volum tat-turiżmu, il-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-ġbir tal-informazzjoni statistika fil-qasam tat-turiżmu (ĠU L 291, 6.12.1995, p. 32).

karatteristiki tiegħu, il-profil tat-turist, il-livell tal-infiq fuq it-turiżmu u l-benefiċċji għall-ekonomiji Ewropej. Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu huwa l-bażi primarja għal statistika uffiċjali u armonizzata dwar il-provvista u d-domanda tat-turiżmu. Ir-Regolament ikopri, minn naħa waħda, id-dejta dwar il-kapaċità u l-okkupanza tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni turistika tal-UE u, min-naħa l-oħra, id-dejta dwar il-vjaġġi li jsiru mir-residenti tal-UE. L-ewwel waħda tinġabar tipikament min-negozji fis-settur tal-akkomodazzjoni (id-dejta ta' kull xahar u annwali trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, fil-forma ta' tabelli aggregati); tal-aħħar tinġabar tipikament permezz ta' sħarriġ tal-unitajiet domestiċi (id-dejta annwali trażmessa, parzjalment fil-forma ta' tabelli aggregati u parzjalment fil-forma ta' mikrodejta).

Barra mill-kamp ta' applikazzjoni strett tar-Regolament, l-Eurostat joħroġ regolarment informazzjoni relatata mat-turiżmu ta' natura iżjed ekonomika bbażata fuq statistika tan-negozju jew soċjali relatata.

Settijiet tad-dejta komprensivi, tabelli sommarji u artikoli korrispondenti huma disponibbli fuq il-websajt tal-Eurostat, aċċessibbli faċilment permezz tad-dominju tal-istatistika tat-turiżmu<sup>3</sup>.

### 3. MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI U ATTI DELEGATI

Ir-Regolament (UE) 692/2011 jistipula li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, fil-forma ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti għar-rapporti tal-kwalità u l-istruttura tagħhom (l-Artikolu 6(4)) u l-arranġamenti prattiċi għat-trażmissjoni tad-dejta (l-Artikoli 9(2) u 9(3)). Għal dan il-għan, ġie adottat *ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011*<sup>4</sup>.

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li:

- jemendaw id-definizzjonijiet biex jirriflettu l-bidliet fid-definizzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 2(2));
- jemendaw l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta biex iqisu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi (l-Artikolu 9(5)); kif ukoll
- jadattaw l-Annessi biex iqisu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tibdel id-dispożizzjonijiet fl-Annessi dwar in-natura fakultattiva tad-dejta meħtieġa u dwar il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 3(2)).

<sup>3</sup> <http://ec.europa.eu/eurostat/web/tourism>

<sup>4</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-data (ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 81/2013 tad-29 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 fir-rigward tal-fajls tal-mikrodejta għat-trażmissjoni tad-data (ĠU L 28, 30.1.2013, p. 1).

S'issa, il-Kummissjoni adottat att delegat wieħed, *ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2013*,<sup>5</sup> li jemenda ċertu defnizzjonijiet relatati mal-kisbiet edukattivi, li jirriflettu l-bidliet li saru fil-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Edukazzjoni (ISCED).

Kif meħtiegħ skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 692/2011, il-Kummissjoni adottat rapport rigward id-delegazzjoni tas-setgħa fl-20 ta' Jannar 2016<sup>6</sup>.

#### **4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT**

Skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011, l-Istati Membri għandhom jiġbru, jikkumpilaw, jipproċessaw u jittrażmettu statistika armonizzata dwar il-provvista u d-domanda tat-turiżmu. Il-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa u tippubblica d-dejta fuq il-websajt tal-Eurostat fil-forma ta' tabelli, databases multidimensjonali jew artikoli analitiċi. Din it-taqsimha tivvaluta l-implimentazzjoni tar-Regolament fuq il-bażi ta' kriterji ta' kwalità standard għall-istatistika Ewropea.

##### **4.1. Rilevanza**

Ir-rilevanza tirreferi għall-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti.

L-indirizzar aħjar tal-ħtiġijiet tal-utenti huwa l-għan ewlieni tar-Regolament (UE) Nru 692/2011. L-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu li qed tiġi prodotta tejbet il-kompletezza u t-tempestività li biha d-dejta issa hija disponibbli għall-utenti. Pereżempju, il-maġġoranza tad-dejta ta' kull xahar tintbagħat fi żmien 8 ġimgħat wara x-xahar ta' referenza, filwaqt li qabel, l-iskadenza għat-trażmissjoni kienet minn 3 sa 6 xhur. Ir-Regolament jirrifletti aħjar it-tibdiliet fin-natura tat-turiżmu, li tinkludi l-importanza li qed tikber ta' vjaġġi qosra u żjarat ta' ġurnata, iż-żieda fl-importanza tal-akkomodazzjoni mhux mikrija jew akkomodazzjoni fi stabbilimenti iżgħar, u l-impatt li qed jikber tal-internet fuq il-prenotazzjonijiet tat-turisti u fuq l-industrija tat-turiżmu.

Ir-Regolament jirrikjedi wkoll it-trażmissjoni ta' mikrodejta lill-Kummissjoni għal parti mid-dejta. Meta mqabbla mat-trażmissjoni tad-dejta aggregata, din l-innovazzjoni tippermetti analiżi aktar dettaljata u flessibbli tal-fenomeni ekonomiċi u soċjali fis-settur tat-turiżmu. It-turiżmu fl-Ewropa għandu dimensjoni predominanti intraEwropea. Dan ifisser li l-mikrodejta li tkun ġejja mill-istatistika armonizzata Ewropea dwar id-domanda għal turiżmu 'l barra tipprovdi sors ta' statistika fuq id-domanda tat-turiżmu 'l ġewwa għall-Istat Membru tad-destinazzjoni, mingħajr ma jiġi impost kwalunkwe piż addizzjonali u billi tiġi evitata kwalunkwe osservazzjoni doppja tal-flussi tat-turiżmu. Eurostat ipproduċa rapporti analitiċi

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-adattamenti wara r-reviżjoni tal-Istandard Internazzjonali għall-Klassifikazzjoni tal-Edukazzjoni ISCED fir-rigward tal-fatturi varjabbli u l-analiżijiet li għandhom jiġu sottomessi (ĠU L 79, 21.3.2013, p. 5).

<sup>6</sup> COM/(2016)4

dwar it-turiżmu 'l ġewwa ibbażati fuq il-flussi tal-ħruġ osservati minn pajjiżi oħrajn. Madankollu, id-disponibbiltà tad-dejta hija — għal ċertu pajjiżi — ostakolata mid-daqs tal-kampjun baxx tal-vjaġġi minn ċertu pajjiżi tal-oriġini, li jaffettwa b'mod partikolari d-disponibbiltà tad-dejta għal pajjiżi ta' destinazzjoni inqas popolari. Numru ta' pajjiżi qed jesploraw jekk dan is-sors jistax jintuża biex jissostitwixxi parzjalment l-istħarriġ tal-fruntieri (għaljin) kurrenti jew bħala input għal statistika uffiċjali oħra (eż. l-entrata tal-ivvjaġġar tal-kont tas-servizzi tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti).

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea, fil-futur, tkun tista' tivvaluta l-importanza makroekonomika tat-turiżmu u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Sabiex tagħmel dan, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 jirreferi għall-istudji pilota dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' tabelli armonizzati għall-kontijiet satellita tat-turiżmu u għall-iżvilupp tad-dejta li turi l-effetti tat-turiżmu fuq l-ambjent. Rigward it-tabelli armonizzati, l-Eurostat talab lill-Istati Membri biex jibagħtu, fuq bażi volontarja, dejta nazzjonali li hija disponibbli dwar id-dimensjoni makroekonomika tat-turiżmu (bl-użu ta' qafas aċċettat internazzjonalment tal-kontijiet satellita tat-turiżmu). Ir-riżultati kienu ppubblikati f'karti ta' ħidma disponibbli pubblikament. Dan huwa pass sinifikanti lejn dejta armonizzata fil-livell tal-UE. Rigward l-aspett tal-ambjent, l-Eurostat qed isegwi l-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-OECD u l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-NU, fost oħrajn, u jipprovdi input ta' dejta lil sistemi ta' indikaturi dwar it-turiżmu sostenibbli. Madankollu, minħabba l-pressjoni fuq ir-riżorsi biex jiġu implimentati r-rekwiżiti tar-Regolament għal produzzjoni regolari tad-dejta, l-istabbiliment ta' programm usa' ta' studji pilota ma kienx fattibbli f'dawn l-aħħar snin.

Il-feedback tal-utenti wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u ż-żieda fl-output tad-dejta kienu ġeneralment pożittivi. L-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu qed tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet tan-negozji Ewropej, ta' amministrazzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali u tal-istituzzjonijiet Ewropej jew partijiet interessati internazzjonali oħrajn (l-OECD, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-NU). Minkejja l-kisbiet tar-Regolament s'issa, għad hemm lakuni fl-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, bħal fl-oqsma ta' kopertura aħjar tad-dimensjoni (makro)ekonomika u tal-fenomeni ġdid fis-settur tat-turiżmu (eż. l-ekonomija kollaborattiva).

## **4.2. Preċiżjoni**

Preċiżjoni tirreferi għal kemm l-istimi jqarrbu lejn il-valuri reali mhux magħrufa.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu l-modi l-aktar effiċjenti u effettivi tal-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta, skont is-sistemi nazzjonali u s-sorsi nazzjonali disponibbli, soġġett għall-kundizzjoni li "l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżuri li dawn iqisu bħala xierqa biex iżommu l-kwalità tar-riżultati" (l-Artikolu 8).

Kull sena, l-Istati Membri jipprovdu rapport dwar il-kwalità tad-dejta. Dawn ir-rapporti tal-metadejta jkunu disponibbli fuq il-websajt tal-Eurostat. Rapport aktar dettaljati ta' kwalità jkunu disponibbli għall-użu intern biss.

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, it-talba għal aktar validazzjoni tad-dejta li trid titwettaq mill-Istati Membri tejbet il-kwalità ġenerali tad-dejta (inkluż tnaqqis fid-dejta nieqsa). Servizzi ta' validazzjoni tad-dejta aktar sofistikati (biż-żieda ta' kontrolli tal-konsistenza għal dejta minn sena għal sena u bejn databases) tejbju ulterjorment il-kwalità tar-riżultati.

Madankollu, ċerti kwistjonijiet ta' preċiżjoni jibqgħu u jeħtieġu monitoraġġ kontinwu.

Id-dejta dwar il-kapaċità u l-okkupanza tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni tat-turisti (normalment miġbura min-negozji) tista' turi ċertu kopertura żejda, jiġifieri entitajiet mhux inklużi fir-reġistru. Approċċ iżjed armonizzat għall-użu ta' livelli limitu (ara wkoll it-Taqsima 6) naqqas dawn l-inkonsistenzi madwar l-UE. Barra dan, twettqet ħidma għal allinjament aħjar tar-reġistri miżmuma mill-amministrazzjonijiet tat-turiżmu mar-reġistru tan-negozju ġenerali stabbilit fl-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika. Fis-snin riċenti, l-użu dejjem jikber ta' akkomodazzjonijiet mikrija permezz tal-hekk imsejħa pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva enfasizza l-kwistjoni tal-kopertura. Il-kejl ta' din ser ikun ta' sfida fis-snin li ġejjin.

Id-dejta dwar il-vjaġġi tat-turiżmu (miġbura mill-unitajiet domestiċi) hija bbażata fuq l-istħarriġ tal-kampjuni u tista' tkun affettwata mil-limitazzjonijiet magħrufin ta' tali stħarriġ tal-kampjuni: żbalji fil-kampjunar (huwa biss sett sekondarju tal-popolazzjoni li jiġi osservat) u żbalji mhux fil-kampjunar (eż. żbalji ta' nuqqas ta' rispons). Kwistjoni waħda partikolari li taffettwa l-istatistika tat-turiżmu huwa r-recall bias jew l-effett tal-memorja — dan iwassal għal stima nieqsa tal-flussi proprja tat-turiżmu minħabba rapportar nieqes mhux maħsub mir-rispondenti. Linji gwida li għandhom l-għan li jnaqqsu dan l-effett kienu pprovduti lill-Istati Membri fil-Manwal Metodoloġiku għall-Istatistika dwar it-Turiżmu (ara wkoll it-Taqsima 4.6).

### **4.3. It-tempestività u l-puntwalità**

It-tempestività tirreferi għall-perjodu bejn id-disponibilità tat-tagħrif u l-avveniment jew il-fenomenu li dan jiddeskrivi; il-puntwalità tirreferi għaż-żmien li jgħaddi bejn id-data ta' rilaxx tad-dejta u d-data mmirata meta suppost kellha tintbagħat id-dejta.

Id-dejta tat-turiżmu ma tinharigx skont dati mmirati stretti jew kalendarji tar-rilaxx, iżda fuq bażi kontinwa skont il-pass ta' meta tasal u meta tiġi vvalidata d-dejta li jirċievu l-Istati Membri. B'mod ġenerali, fi żmien ftit jiem wara t-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni, l-istatistika tkun disponibbli għall-utenti. Reviżjonijiet riċenti tas-sistema ta' produzzjoni interna tal-Eurostat wasslu għal ħruġ aktar mgħaġġel tal-figuri li jkopru l-Istati Membri kollha.

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 rawwem it-tempestività mtejba tal-istatistika dwar it-turiżmu permezz ta' skadenzi mqassra għat-trażmissjoni. L-Istati Membri laħqu sew l-iskadenzi mqassra għat-trażmissjoni b'aktar minn 90 % tas-settijiet tad-dejta tax-xahar li jaslu qabel l-iskadenza. Hija biss 1.5 % tad-dejta li qed tasal b'dewmien itwal minn ġimgħa. Rigward id-dejta annwali iżjed komprensiva, 86 % tad-dejta tal-akkomodazzjoni tasal fl-iskadenza ta' sitt xhur; għad-dejta dwar il-vjaġġi (li tinkludi fajls ta' mikrodejta) ftit huma l-

Istati Membri li jirreġistraw dewmien li jaqbeż ġimgħa. Fil-każijiet kollha, kien osservat titjib mill-ewwel sena ta' referenza fejn ir-Regolament kien fis-seħħ. Il-każijiet eċċezzjonali fejn id-dejta ma kinitx ippreżentata jiġu segwiti mill-qrib permezz tal-monitoraġġ tal-konformità użat fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

#### 4.4. Aċċessibilità u ċarezza

L-aċċessibilità u ċ-ċarezza jirrefeui għall-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-dejta.

Id-data kollha pprovduta mill-Istati Membri, u l-aggregati rispettivi għall-UE kollha, huma disponibbli mingħajr ħlas fuq is-sit web tal-Eurostat<sup>7</sup>. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-mikrodejta tintuża għall-kumpilazzjoni tat-tabelli dettaljati li mbagħad jiġu ppubblikati. Madankollu, taħt kundizzjonijiet verament stretti u soġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri, il-mikrodejta fil-futur tista' tkun disponibbli għal skopijiet ta' riċerka.

L-utenti jistgħu jaċċessaw l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu permezz ta' tliet kanali ewlenin fuq is-sit web tal-Eurostat:

1. Taħt l-intestatura "Tabelli" hemm tabelli bidimensjonali ddefiniti minn qabel ikopru l-ħtiġijiet ta' d-dejta l-aktar komuni kemm jista' jkun malajr u b'mod verament ċar għal utenti inqas frekwenti jew inqas speċjalizzati.
2. Taħt l-intestatura "Database" hemm disponibbli tabelli multidimensjonali li jippermettu lill-utenti jressqu mistoqsijiet aktar avvanzati u dettaljati dwar id-dejta. Fuq talba tal-utent, Eurostat tipprovi estratti skont l-ordni biex twieġeb għal ħtiġijiet ta' dejta speċjalizzati jew dettaljati ħafna.
3. Artikli aġġornati regolarment jipprovdu dħul faċli għall-istatistika dwar it-turiżmu, billi jikkombinaw graffs, tabelli u analiżijiet fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati mat-turiżmu.

Diversi drabi fis-sena, il-ħruġ tad-dejta jiġi akkumpanjat minn sqarrijiet tal-istampa distribwiti b'mod wiesgħa. Id-dejta miksuba skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 ħafna drabi hija kumplementata b'sorsi oħrajn ta' statistika uffiċjali sabiex tiġi ppreżentata stampa iżjed komprensiva tal-iżvilupp ekonomiku jew tal-impjiegi tal-industriji tat-turiżmu. Barra dan, l-istatistika tat-turiżmu tikkontribwixxi għal pubblikazzjonijiet tal-Eurostat ġenerali bħar-Regional Yearbook. Rapporti ta' monitoraġġ interni tal-attività tas-sit web tal-Eurostat ħafna drabi jikklassifikaw l-istatistika dwar it-turiżmu fost l-oqsma l-aktar konsultati tal-istatistika Ewropea. Dan jenfasizza r-rilevanza u l-aċċessibilità tad-dejta. Pereżempju, f-numru ta' żjarat tal-paġna fl-2015, l-artiklu dwar it-turiżmu fir-Regional Yearbook ikklassifika fit-tieni post, wara l-figuri tal-PDG reġjonali.

L-aċċessibilità u ċ-ċarezza tal-istatistika dwar it-turiżmu jiġu promossi wkoll bl-użu ta' għodda tal-viżwalizzazzjoni moderna li tagħti lill-utenti ħarsa ta' malajr lejn il-karatteristiċi

<sup>7</sup> <http://ec.europa.eu/eurostat/web/tourism/>.

tat-turiżmu. Għodda bħal din ġiet inkorporata fl-Osservatorju għat-Turiżmu Virtwali mantnut mill-Kummissjoni Ewropea.

#### **4.5. Il-komparabbiltà**

Il-komparabbiltà tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti applikati tal-istatistika, l-għodod u l-proċeduri tal-kejl, fejn l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, id-dominji settorjali jew matul iż-żmien.

L-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu hija bbażata fuq livell għoli ta' armonizzazzjoni ta' kunċetti, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u metodoloġiji. Il-kwistjonijiet metodoloġiċi huma diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dedikat dwar l-Istatistika dwar it-Turiżmu, li jħeġġeġ ukoll l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki komuni fl-Unjoni Ewropea u barra minnha.

Sabiex jiżgura l-armonizzazzjoni, ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 stabbilixxa prinċipji bażiċi dwar id-definizzjonijiet (l-Artikolu 2), is-suġġetti koperti u l-karatteristiċi tad-dejta meħtieġa (l-Artikolu 3) u l-kamp ta' applikazzjoni tal-osservazzjoni (l-Artikolu 4). Il-bażi għall-ħidma ta' armonizzazzjoni ta' kuljum huwa l-Manwal Metodoloġiku għall-Istatistika dwar it-Turiżmu (l-Artikolu 10). Dan il-manwal huwa ppreparat mill-Eurostat — f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri — u fih linji gwida rakkomandati għall-produzzjoni tal-istatistika dwar it-turiżmu. L-ewwel edizzjoni tal-manwal inħarġet fl-2011. Minn dak iż-żmien inħarġu żewġ revizzjonijiet kbar. Il-manwal wera li huwa repożitorju prattiku ħafna għall-armonizzazzjoni tal-istatistika fl-UE. Dan huwa wkoll dokument ta' referenza għall-utenti tad-dejta u l-produtturi tal-istatistika dwar it-turiżmu barra l-UE. Dawn tal-aħħar jikkontribwixxu għall-missjoni tal-Eurostat biex ikun fornitur mexxej ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa.

L-istatistika dwar it-turiżmu hija komparabbli b'mod ġust maż-żmien u bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. It-tranżizzjoni mid-Direttiva 95/57/KE għar-Regolament (UE) Nru 692/2011 ikkawżat biss ksur żgħir fis-serje għall-maġġoranza tal-pajjiżi. Tali ksur huwa dokumentat għall-utenti permezz tal-metadejta fuq is-sit web tal-Eurostat jew f'pubblikazzjonijiet rilevanti.

#### **4.6. Koerenza**

Il-koerenza tirreferi għall-kapaċità tad-dejta li tiġi amalgamata b'mod affidabbli f'modi differenti u għal użi varji.

Sa fejn possibbli, l-istatistika Ewropea dwar it-Turiżmu tindika livell tajjeb ta' koerenza mad-dejta prodotta minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali. Il-kooperazzjoni bejn id-dominji fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika kkontribwiet ukoll għall-koerenza tal-istatistika dwar it-turiżmu mad-dejta relatata fl-oqsma ekonomiċi, tan-negozju jew soċjali.

Internalment, is-servizzi ta' validazzjoni tad-dejta tal-Kummissjoni applikaw għal koerenza ta' garanzija tal-istatistika dwar it-turiżmu bejn id-dejta ta' kull xahar u dik annwali, bejn il-figuri dwar il-parteċipazzjoni fit-turiżmu u l-istatistika tal-popolazzjoni, jew bejn il-karatteristiċi differenti tal-vjaġġi tat-turiżmu.

## **5. IL-MIŻURI MEĦUDA SABIEX JITNAQQAS IL-PIŻ FUQ IN-NEGOZJI**

It-tnaqqis tal-piż tar-rispons fuq il-partijiet responsabbli għall-provvista ta' dejta statistika, b'mod partikolari l-SMEs, huwa mrawwem permezz ta' tliet kanali ewlenin.

L-ewwel nett, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 jippermetti l-Istati Membri jiddependu fuq is-sorsi tad-dejta li ġejjin: sħarriġ, dejta amministrattiva, u proċeduri ta' stima statistika xierqa. Numru ta' pajjiżi jiġbru d-dejta min-negozji (pereżempju dwar il-kapaċità u l-okkupanza tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni tat-turisti) permezz ta' sħarriġ tal-kampjuni (minflok ċensiment eżawrjenti). Pajjiżi oħra jagħmlu użu mid-dejta amministrattiva miżmuma mill-awtoritajiet lokali, minflok jindirizzaw direttament lill-fornituri tal-akkomodazzjoni.

It-tieni nett, l-Anness I għar-Regolament jippermetti l-Istati Membri jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-osservazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(a) biex jinkludi biss stabbilimenti li jaqbuż ċertu livell limitu ta' kapaċità (jiġifieri dawk li għandhom 10 sodod jew iżjed). Dawk l-Istati Membri li jammontaw għal inqas minn 1 % tan-numru annwali totali ta' l-ġieli li jsiru fi stabbilimenti tal-akkomodazzjoni tat-turisti fl-UE jistgħu jnaqqsu iżjed il-kamp ta' applikazzjoni tal-osservazzjoni billi jinkludu biss dawk li għandhom 20 sodda jew iżjed. Dan il-livell limitu tal-aħħar huwa applikat fi 12-il Stat Membru. Din il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni teżenta ħafna SMEs li huma attivi fis-settur tal-akkomodazzjoni tat-turisti mill-obbligu ta' rappurtar skont ir-Regolament.

Fl-aħħar nett, sabiex tkun permessa l-flessibbiltà rigward is-sorsi tad-dejta użati, id-diżaggregazzjoni tad-dejta tal-okkupanza tal-akkomodazzjoni skont il-klassi tad-daqs hija fakultattiva.

## **6. PROSPETTIVA**

### **6.1. Biex il-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu tibqa' rilevanti**

Id-dejta meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 għandha tirrifletti l-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu fid-dawl tal-bidliet fis-settur tat-turiżmu filwaqt li tikkunsidra l-piż fuq il-fornituri tad-dejta.

Fuq terminu ta' żmien medju, dan jista' jeħtieġ emendi għar-Regolament, pereżempju biex jiġu aġġornati ċertu varjabbli u diżaggregazzjonijiet, biex jiġu inseriti rekwiżiti ġodda jew biex jitwaqqfu rekwiżiti kurrenti li issa huma meqjusin ta' prijorità aktar baxxa. Rigward dan tal-aħħar, dan jista' japplika għar-rekwiżiti tad-dejta fakultattivi jew triennali jew għall-metadejta annwali u r-rapportar tal-kwalità. Matul dan il-proċess, ir-riżultati tal-istudji pilota (l-Artikolu 5 tar-Regolament) jeħtieġ jiġu kkunsidrati wkoll (b'mod partikolari għal valutazzjoni aħjar u aktar regolari tal-importanza makroekonomika tat-turiżmu u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent).

Kull inizzjattiva jew proposta ser tiffoka fuq il-kwalità, flimkien mar-rilevanza perċepita tal-utenti, u fuq l-impatt fuq it-tnaqqis tal-piż għall-amministrazzjonijiet jew in-negozji.

Emendi bħal dawn ser jesploraw ukoll iżjed sinerġiji ma' dominji statistiċi oħra (eż. sħarriġ dwar l-ivvjaġġar, il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi, l-użu ta' reġistri integrati). Fis-snin li ġejjin, il-pożizzjoni tal-istatistika dwar it-turiżmu fis-sistemi modernizzati tal-istatistika tan-negozju u l-istatistika soċjali wkoll ser teħtieġ tiġi vvalutata mill-ġdid. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-integrazzjoni tal-istatistika dwar it-turiżmu f'żewġ regolamenti qafas ippjanati, wieħed għall-integrazzjoni tal-istatistika tan-negozju u l-ieħor għall-istatistika soċjali Ewropea integrata.

## **6.2. L-impatt tas-sorsi u l-metodi l-ġodda**

Fis-snin riċenti, l-istatistika dwar it-turiżmu kienet minn ta' quddiem fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika rigward l-esplorazzjoni ta' sorsi u metodi tad-dejta ġodda. Pereżempju, twettaq studju li jesplora l-fattibbiltà tal-użu ta' dejta tal-ippożizzjonar tal-mowbajl għall-istatistika dwar it-turiżmu. Id-dejta kbira toffri potenzjal kbir għall-istatistika dwar it-turiżmu: l-informazzjoni miksuba minn operaturi tan-netwerk tal-mowbajl, mis-sistemi ta' prenotazzjoni jew riżervazzjoni, mill-magni tat-tiftix u l-attivitajiet tal-internet, mill-kards tal-pagamenti elettroniċi jew mill-midja soċjali kollha jistgħu jipprovdu dejta lis-sistema tal-istatistika dwar it-turiżmu. Fuq medda ta' żmien itwal, sorsi tad-dejta ġodda bħal dawn jistgħu jwasslu għal revoluzzjoni aktar milli evoluzzjoni fil-mod kif tiġi prodotta l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu. Iċ-ċaqliq parzjali mill-ġbir tad-dejta għall-konnessjoni tad-dejta ser ikun ta' sfida kbira għall-produtturi tal-istatistika. Madankollu, dan iċ-ċaqliq għandu l-potenzjal li jipprovdi għarfien aktar rikk u tempestiv fuq it-turiżmu b'diżaggregazzjoni aktar dettaljata skont iż-żmien u l-post. Dawn il-metodi ġodda probabbilment ser ikunu aktar kosteffiċjenti u ta' piż aktar baxx fuq in-negozju. L-użu ta' metodi u sorsi ġodda, minbarra l-istħarriġ aktar tradizzjonali eżistenti, ser jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-aspetti tas-settur tat-turiżmu li qabel kienu inqas koperti jew mhux koperti (pereżempju forom ġodda ta' akkomodazzjoni mikrija fl-hekk imsejħa ekonomija kollaborattiva).

## **6.3. L-estensjoni tal-istatistika dwar it-turiżmu għal pajjiżi oħra**

L-implimentazzjoni ulterjuri tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 fl-UE u l-Istati Membri tal-EFTA ser tkompli tiffoka fuq it-titjib fil-kwalità u l-immaniġġjar tal-piż. Barra dan, l-attivitajiet ser ikomplu bil-għan li tiġi stabbilita sistema għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea dwar it-turiżmu f'pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali. Minħabba l-importanza tas-settur tat-turiżmu għall-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol ta' ħafna pajjiżi li huma eliġibbli għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-allinjament tas-sistema statistika tagħhom mal-korp tal-liġi tal-UE dwar l-istatistika dwar it-turiżmu huwa ta' importanza kbira.

## **7. KONKLUŻJONIJIET**

Fi sforz konġunt mal-Istati Membri, l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 wasslet għal żieda u titjib fl-output tad-dejta tal-istatistika ta' kwalità għolja dwar it-turiżmu. Sa mill-2012, il-kompletezza u t-tempestività tad-dejta tjiebu b'mod sinifikanti.

L-Istatistika Ewropea dwar it-Turiżmu prevista fir-Regolament tista' titqies li miexja b'ritmu tajjeb, u li qed tipprovdi dejta rilevanti għall-partijiet interessati differenti tal-industrija tat-turiżmu u għall-amministrazzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali. Madankollu, minħabba li l-imġiba tat-turiżmu u l-istruttura tas-settur tat-turiżmu qed jinbidlu b'mod kostanti, u minħabba li hemm disponibbli sorsi u metodi ġodda tad-dejta, monitoraġġ mill-qrib tal-produzzjoni u l-output kurrenti tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 ser jibqa' sfida importanti matul il-ħames snin li ġejjin.